**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Imhallef**
**Onor. Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.**

Appell Numru : 150/02

Il-Pulizija

Vs

Domnic Zahra

Illum il-Hamis 11 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Domenic Zahra quddiem il-qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 t'Ottubru, 2000 ghall-habta ta' nofs in-nhar fiz-Zejtun uza kefrija fuq annimal (qattus) billi dahhallu sunnara f'halqu.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Gunju, 2002 li biha wara li rat l-Artikolu 163 u 319 tal-Kap 10 u Artikolu 7 (2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li qed issib lill-imputat hati u kkundannatu ghal hmistax il-gurnata detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Gunju, 2002 li bih talab li din il-qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermha fil-parti tal-istess sentenza li permezz taghha l-esponent gie misjub hati tal-akkuza dedotta kontrih, tirrevokha f'dik il-parti fejn huwa gie kkundannat ghal hmistax il-gurnata detenzjoni u minflok tapplika piena ohra li jkun jidhrilha li hija aktar kompatibbli mac-cirkostanzi tal-kaz u tkun anqas gravuza.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma limitati ghall-piena billi fl-ewwel lok hu kien skjett fl-ammissjoni tieghu dwar il-fatti rilevanti u li l-ispjegazzjoni tal-fatti li ta tiggustifika piena minnflok ohra kif ukoll li l-artikolu citat fis-sentenza appellata u cioe', l-artikolu 163 tal-Kap.10 li hu il-bazi tal-htija li instabet fl-appellant ma kienx applikabbli ghal kaz ghax , se mai, kellu jigi citat l-artikolu 153 tal-Kap.10 .

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni redatt fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2002 li bih qablet li is-sentenza appellata hija nulla in vista tal-fatt li , kif jirrizulta manifestament mill-akkuza , ir-reat hemm kontemplat huwa l-artikolu 153 tal-Kap.10 mentri fis-sentenza pero' jissemma l-artikolu 163 , liema fatt iwassal ghan-nullita' tas-sentenza ;

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fil-kors tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2002 li bih , wara li semghet it-trattazzjoni dwar dan l-ahhar aggravju , li bih iddikjarat is-sentenza appellatta nulla u bla effett in vista tal-fatt illi gie citat artikolu zbaljat li la jipprovdi ghar-reat in dizamina u lanqas ghall-piena inflitta mill-Ewwel Qorti u konsegwentement ordnat li l-kawza tigi trattata mill-gdid f' dik is-seduta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u qieset il-verbal redatt mill-Prosekuzzjoni fir-rigward , partikolarment dak li din il-Qorti tista' tikkonsidra piena alternattiva una volta li is-sentenza appellata giet annullata u ghalhekk din il-Qorti ma hi bl-ebda mod marbuta bil-piena moghtija mill-ewwel Qorti.

Qieset li ghalkemm l-appellant jidher li kellu ilment genwin kontra sid il-qattus li kien qed jaghmillu hsara fil-gardina tieghu u li hu ma kienx ha ragun meta qajjem dan l-ilment ripetutament ma sid il-qattus, mill-banda l-ohra jidher li , minnflok ma rrikorra ghall-mezzi legali biex irazzan dan l-abbuz mill-

qtates tal-gara ,eskogita sistema ingenjuz imma mill-aktar kiefer kif jonsob lil qattus in kwistjoni biex jehles minnhu darba ghal dejjem , b'mod li bla dubju jirrendieh hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 153 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid li :-

"Hadd ma jista' jahqar jew juza kefrija fuq annimali....."

Qieset ukoll li kazijiet ta' kefrija fuq annimali qeghdin ta' kulljum isiru aktar spissi u frekwenti u qed jolqtu is-sensibilita' tal-maggoranza tal-poplu u ghalhekk qed joholqu dak l-allarm socjali li proprju trid trazzan u tindirizza l-ligi penali ;

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti , wara li annullat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Gunju, 2002 fil-kawza "Il-Pulizija vs. Dominic Zahra" bil-provvediment taghha tal-10 ta' Lulju, 2002, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, issib lill-appellant hati tal-akkuza talli fl-20 t'Ottubru, 2000, ghall-habta ta' nofs in-nhar fiz-Zejtun uza kefrija fuq annimal (qattus) billi dahhallu sunnara f'halqu, u wara li rat l-Artikolu 153 (1) u 319 tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta, u 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-piena ta' hmistax il-jum detenzjoni .

Joseph G. Galea Debono 11.07.02.